**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' Mejju 2024**

Rikors Numru: 622/22 AL

AB sive A C

vs

D sive D C

(M.R. Numru 1530/1995)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. ILLI l-kontendenti żżewġu fiz-7 ta' Settembru 1995 (Dok. A), mil-liema żwieġ għandhom żewġt'itfal, ossija E F u G H, it-tnejn maġġorenni u jaħdmu.

2. ILLI l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-29 t' April 2016 (Dok. B)

3. ILLI l-kontendenti ilhom separati de facto mis-sena 2004, u ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni. Inoltre bejn il-kontendenti m'hemmx

kwistjonijiet pendent dwar manteniment. Dan ġie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavit tagħha eżebit bħala Dok.Ċ.

4. Illi għalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u/jew il-ħall taż-żwieġ.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Settembru 1995; u

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jirreġistra d-divorzju u/jew il-ħall taż-żwieġ fir-Reġistru Pubbliku

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Jannar 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ppreżentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' April, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi

zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.